# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgha 22 ta' Frar, 2023

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 73/2020 ISB**

**Michael Cutajar ID. 610464M f'ismu propju u għan-nom t'oħtu Mary Rose Bristow ID 135271M, imsiefra minn Malta u residenti l-Awstralja; Marjohn Cutajar ID 510672M f'ismu propju u bħala direttur ta' S.C & Company Limited (C6050); Joseph Mary Cutajar ID 466966M f'ismu propju u għan-nom ta' ommu Leonarda Cutajar ID 410141M; u Leonard Cutajar ID 474767M f'ismu propju u bħala direttur ta' S.C & Company Limited (C6050) u għan-nom ta' ommu Leonarda Cutajar, u l-istess S.C & Company Limited (C6050)**

**Vs**

**Reġistratur tal-Kumpanijji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ġuramentat** tar-rikorrenti **Michael Cutajar pro et noe et,** intavolat fl-4 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna illi il-Formola K li turi it-tneħħija ta' Salvatore Cutajar minn direttur tal-Kumpannija u s-sostituzzjoni tiegħu b'Leonard Cutajar, kif ukoll illi l-attur Michael Cutajar inħatar segretarju in sostituzzjoni ta' Marjohn Cutajar, tiġi reġistrata w pubblikata mill-konvenut skond il-liġi, fi żmien qasir u perentorju; u li fin-nuqqas il-Qorti tieħu passi għal disprezz tal-awtorita' tagħha;*

2. *Bl-istess mod tordna illi l-Annual Return ghas-sena 2020 tiġi reġistrata w pubblikata mill-konvenut skond il-liġi, fi żmien qasir u perentorju; u li fin-nuqqas il-Qorti tieħu passi għal disprezz tal-awtorita' tagħha;*

3. *Ukoll bl-istess mod tordna illi il-kontijiet soċjali tal-Kumpannija jiġu reġistrati w pubblikati mill-konvenut skond il-liġi fi żmien qasir u perentorju; u li fin-nuqqas il-Qorti tieħu passi għal disprezz tal-awtorita' tagħha; jew alternattivament, jekk dan ma jsibx l-adeżjoni tal-Qorti, li din tippermetti illi dawn jiġu ffirmati wkoll mill-attur Leonard Cutajar, u li meta jsir hekk, dawn jiġu reġistrati w pubblikati mill-konvenut skond il-liġi fi żmien qasir u perentorju;*

4. *Illi tiddikjara illi bin-nuqqasijiet fuq ilmentati, il-konvenut hu responsabbli għad-danni li jistgħu talvolta jirriżultaw fil-konfront tal-atturi jew min minnhom, u illi dwarhom tittieħed azzjoni f'ġudizzju separat.*

U dan wara li ppermettew:

1. *Illi huma azzjonisti maġġoritarji*[1] *tal-kumpannija S.C & Company Limited (C 6050), (minn hawn l'quddiem "il-Kumpannija") u fosthom, il-atturi Marjohn Cutajar u Leonard Cutajar huma wkoll iż-żewġ diretturi tal-istess.*

[1] Jirrappreżentaw 65% tal-azzjonijiet tal-Kumpannija

2. *Illi Joseph Mary Cutajar u Leonard Cutajar huma kuraturi ta' ommhom Leonarda Cutajar, skond digriet tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja tas-27 ta' Frar, 2017, hawn eżibit u markat bħala Dokument A.*
3. *Illi fil-15 t'Awwissu huma żammew laqgħa straordinarja tal-azzjonisti tal-Kumpannija, debitament notifikata lill-azzjonisti kollha fi żmien utili, u fl-istess laqgħa, ittieħdet riżoluzzjoni mill-azzjonisti tal-Kumpannija kollha preżenti, illi d-direttur (sa dakinhar) Salvatore Cutajar jitneħħa mill-ħatra tiegħu ta' direttur tal-Kumpannija, minħabba li mexa kontra l-interessi tal-Kumpannija, u minnfloku inħatar direttur il-attur Leonard Cutajar.*

4. *Dakinhar stess saret ukoll il-Laqgħa Ġenerali annwali tal-azzjonisti, u f'dik il-laqgħa kienu ukoll riżolt illi l-attur Michael Cutajar jissostitwixxi lill-attur Marjohn Cutajar fir-rwol ta' Segretarju. Kopji ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet huma hawn annessi w markati bħala Dokumenti B u Ċ.*

5. *Illi minkejja illi il-Formola "K" li tixhed dan it-tibdil importanti fil-bord tad-diretturi ġiet inoltrata mill-atturi nhar l-<u>20 t'Awwissu 2020</u>, l-istess konvenut irrifjuta li jirreġistraha, minħabba li skond hu, hemm disgwid fi ħdan il-Kumpannija. Dan hu dak li ntqal lill-atturi mill-uffiċjal legali tal-konvenut dak il-waqt.*

6. *B'dana kollu l-atturi wara li rċevew id-dokumenti[2] lura mingħand il-konvenut lejn nofs Settembru 2020 minħabba xi nuqqasijiet formali, huma, wara li wettqu l-korrezzjonijiet meħtieġa, reġgħu ippreżentaw id-dokumenti hekk korretti lill-konvenut fit-<u>22 ta' Settembru 2020</u>. Kopja tal-formola "K" tinsab hawn annessa u markata bħala dokument D.*

[2] Il-Formola K, flimkien ma l-Istatut Soċjali aġġornat.

7. *Iżda sallum dawn id-dokumenti kif korretti għadhom mhux reġistrati.*
8. *Ukoll mhux reġistrati hemm il-kontijiet soċjali tas-soċjeta' għas-sena 2019, l-annual return sas-7 ta' Settembru 2020 li iddaħħlet għand il-konvenut fl-istess jum.*
9. *L-istatut soċjali aġġornat.*
10. *Ma dawn ukoll mhux reġistrati hemm il-kontijiet soċjali għas-snin 2004 sal-2018 inoltrati fid-9 ta' Marzu 2020.*
11. *Dwar il-kontijiet soċjali tal-kumpannijja irid jitfisser illi dawn huma iffirmati mid-direttur Marjohn Cutajar waħdu, skond riżoluzzjonijiet ta' żewġ laqgħat ġenerali tal-azzjonisti, tat-8 ta' Diċembru 2018 u tal-11 ta' Jannar 2020 u kopji tal-minuti taż-żewġ laqgħat huma hawn annessi u markati Dokumenti E u F. Permezz ta' tali riżoluzzjonijiet Marjohn Cutajar ġie awtoriżżat jiffirma il-kontijiet soċjali waħdu minħabba illi id-direttur l-ieħor dak iż-żmien (qabel ma tneħħa kif spjegat) Salvatore Cutajar, mingħajr raġuni valida fil-liġi u purament biex ifixkel l-andament tal-kumpannijja, kien irrifjuta li jiffirmahom, minkejja li dawn huma kontijiet verifikati mill-awditur tal-kumpannija.*
12. *Illi s'issa il-atturi ma jafu bl-ebda azzjoni ġudizzjarja kontra tagħhom jew kontra l-Kumpannija li biha ir-riżoluzzjoni imsemmija qed tiġi at-takkata.*
13. ***Ir-Raġuni għat-Talba***
14. *Anki li kieku hemm tali proċedura in corso, fin-nuqqas ta' xi mandat kawtelatorju kontra l-konvenut, mhux il-kompitu tal-istess konvenut illi jirrifjuta li jirreġistra dokument fuq il-pretest illi jeżistu kontroversji fi ħdan il-kumpanijja.*
15. *Skond l-artikolu 401 (1) (d)(i) u (e) tal-Kap.386 hu d-dmir tiegħu hu:*

*(d) (i) li jżomm u jirreġistra kull dokument li jkun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull konsenja, għoti jew notifika bħal dawk lir-Reġistratur u t-tiżmim u r-reġistrazzjoni ta' kull dokument mir-Reġistratur, għandhom isiru b'dak il-mod u b'dawk il-mezzi u f'dak il-format, inkluża komunikazzjoni elettronika skont kif imfisser fl-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, li r-Reġistratur jidhirlu xieraq:*

*Iżda kull dokument bħal dak għandu jinkiteb f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta;*

*u*

*(e) meta skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att -(i) xi dokument ikun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni; jew (ii) omissis, li jara mingħajr dewmien, normalment fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta jirċievi d-dokumenti kollha inkluża kull kontroll ta' legalità kif jista' jkun meħtieġ li jitniżżel fir-reġistru, dikjarazzjoni li għandha tkun pubblikata fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur li turi d-data li fiha r-reġistrazzjoni, konsenja jew notifika tkun saret, omissis.*

16. *B'hekk f'każ ta' dokument mhux mittiefes b'xi nuqqas formali, dan għandu jiġi minnufih reġistrat f'perijodu ta wieħed u għoxrin jum[3].*

17. *Min, jekk jidhirlu xieraq, ikun irid jattakka dan l-istat, jista' jirrikorri l-Qorti, li tkun hi li tiddeċiedi il-mertu tal-kwistjoni. Iżda sakemm dik il-Qorti tiddeċiedi li tannulla r-riżoluzzjoni u tordna illi dik il-formola jew dokument ieħor ippreżentat għar-reġistrazzjoni w pubblikazzjoni, ma tingħatax effett legali, it-tibdil fost id-diretturi għandu jkun l-istat legali viġenti. L-istess jgħodd għal kull dokument ieħor li jinbagħat għar-reġistrazzjoni, inklużi il-kontijiet soċjali u return annwali.*

18. *Illi l-mankanza ta' reġistrazzjoni ta' dawn id-dokumenti qegħda tikser il-liġi u qegħda tikkawża danni lill-istess kumpannija, lill-atturi*

[3] Għal xi raġuni dan it-terminu ta' 21 jum ma japplikax ukoll għar-reġistrazzjoni tal-kontijiet soċjali – vide l-ewwel proviso tas-subinċiż (e).

*personalment, u qegħda tfixkel u żżomm lill-kumpanijja milli tif-funzjona, billi versu terzi dawn it-tibdiliet m'jgħoddux qabel ma jkunu ġew reġistrati w pubblikati*[4].

19. *Illi minkejja illi l-atturi inoltraw protest ġudizzjaru fejn ilmentaw dwar dan in-nuqqas, fit-13 t'Ottubru 2020 (334/2020), xorta waħda il-konvenut baqa' m'għaddiex għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni tal-Formola K, Ir-Return Annwali tal-2020 u l-kontijiet soċjali mill-2004 sal-2019.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 19).

Rat id-**digriet** tagħha (kif diversament preseduta) tal-10 ta' Novembru 2020 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021 fl-10.15 a.m.

Rat ir-Risposta tl-intimat **Reġistratur tal-Kumpaniji** intavolata fis-27 ta' Novembru 2020 (fol 26) li permezz tagħha eċċepiet:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali, speċifikament dwar il-validita' legali tal-Form K u kull dokument ieħor ippreżentat mir-rikorrenti, l-intimat jirrimetti ruħu għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Illi l-esponent iħoss illi l-uniku interess tiegħu f'din il-kawża, jikkonċerna dak li għandu x'jaqsam mal-operat tiegħu bħala Reġistratur kif mitlub mil-liġi, speċifikament mill-Att dwar il-Kumpaniji 1995, fejn jikkonċerna r-reġistrazzjoni ta' dokumenti illi għandhom jiġu notifikati lilu skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att;*
>
> *Illi dwar il-prospetti annwali sottomessi, għall-kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur, l-esponent jissolleva illi dawn ġew debitament reġistrati u huma aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-website tar-Reġistratur. Ta' min wieħed jinnota illi l-informazzjoni u l-kontenut tagħhom, illi ġie konfermat u ffirmat minn wieħed mid-diretturi tal-kumpanija in kwistjoni, juru l-posizzjoni kif inhi attwalment reġistrata mal-esponent mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni tad-dokumentazzjoni sottomessa u li jifformaw il-meritu tal-kawża odjerna;*

---

[4] Vide 401(2) : *Kull dokument, ċertifikat jew partikolari ieħor meħtieġ lijkun konsenjat, mogħti jew notifikat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni jista' jintuża biss mis-soċjetà kontra terzi biss jekk ikun pubblikat skont is-subartikolu (1)(e), kemm-il darba s-soċjetà kummerċjali ma tippruvax li t-terzi kienu jafu b'dan f'liema każ is-soċjetà kummerċjali tista' tuża kull dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor dan minkejja li ma jkunx hekk pubblikat. Kull operazzjoni li ssiru qabel is-sittax-il jum wara l-pubblikazzjoni ta'xi dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor bħal dak ma tistax tintuża kontra terzi li jippruvaw li ma kienx possibbli għalihom likien ikollhom tagħrif dwarha: Iżda f'kull ħin it-terzi jistgħu dejjem jużaw kull dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor, ukoll meta l-formalitajiet tal-pubblikazzjoni dwarhom ma kienux tħarsu f'dak iż-żmien*: omissis.

*Illi dwar il-kontijiet annwali, ta' min wieħed jgħid illi dawn ġew preżentati f'kompendju wieħed u akkompanjati minn resoluzzjoni hand written. Illi għall-kuntrarju ta' x'jingħad fir-rikors promotur, id-direttur ma jistax jiddelega lill-ħaddieħor sabiex japprova bil-firma tiegħu il-Balance Sheet, liema dokument l-Att dwar il-Kumpaniji 1995 jispeċifika illi dan għandu jiġi iffirmat minn direttur wieħed, jekk ikun il-każ, filwaqt illi għandu jiġi ffirmat mill-maġġoranza tad-diretturi, bħal f'dan il-każ, meta hemm tnejn jew iżjed diretturi fuq il-Bord;*

*Illi a kuntrarju ta' dak li qalu r-rikorrenti fir-rikors tagħhom, id-dokumentazzjoni illi ġiet sottomessa kien fiha mhux sempliċiment nuqqasijiet formali, iżda iktar minn hekk, nuqqasijiet legali vis-à-vis l-Att u għalhekk ma setgħux jiġu reġistrati;*

*Illi r-Reġistratur għandu dmir illi jara illi dak illi jirreġistra u li jitqiegħed fuq ir-Reġistru, liema Reġistru u l-website tiegħu huma aċċessibli pubblikament juri dokumentazzjoni illi huma kompatibbli mal-Att sabiex iħares il-liġi u l-interessi ta' terzi persuni illi huwa marbut li jħares. Dan speċjalment meta dawn m'humiex parti mill-proċeduri odjeri;*

*Illi fil-każ tal-Form K, l-Att dwar il-Kumpaniji jagħti diskrezzjoni sabiex jaċċerta ruħu dwar il-fatti qabel ma jipproċedi sabiex jirreġistra;*

*Illi fil-proċeduri odjerni, it-talba kif magħmula mir-rikorrenti u mill-kontenut tar-rikors promotur, jidher biċ-ċar illi hemm diżgwid serju bejn l-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpanija u għaldaqstant, ir-Reġistratur ma jħossx illi kellu jidħol fin-nofs meta jidher illi l-fatti u ċ-ċirkostanzi illi wasslu ghas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni għar-reġistrazzjoni m'humiex ċari, liema dokumentazzjoni kif diġa' ntqal, lanqas m'hija konformi l-Att;*

*Illi għalhekk, l-esponent umilment jissolleva illi huwa lesti li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni f'dan il-każ;*

Rat ir-rikors ta' Salvatore Cutajar intavolat fl-20 ta' Novembru 2020 (fol 29) li permezz tiegħu talab li jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis* u rat id-Digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2020 (fol 31) fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet b'ħamest ijiem għar-risposta.

Rat ir-risposti rispettivi tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji (fol 33) u tar-rikorrenti (fol 34) u rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Jannar 2021 (fol 36) fejn il-Qorti irrizervat li tkompli tipprovdi 'l quddiem wara li tisma` lill-avukati fl-udjenza li kien imiss tal-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021, il-partijiet trattaw ir-rikors ta' Salvatore Cutajar.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2021 (fol 43) li permezz tiegħu awtorizzat "*lill-istess Salvatore Cutajar sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis u... tagħti għoxrin (20) jum mil-lum lill-istess Salvatore Cutajar sabiex jippreżenta risposta ġuramentata."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-intervenut fil-kawża **Salvatore Cutajar**, intavolata fil-11 ta' Marzu 2021 (fol 39) li permezz tagħhha eċċeppixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok il-laqgħa straordinarja tal-azzjonisti rikorrenti li nżammet nhar il-**15 ta' Awissu 2020** hija għall kollox nulla u in assoluta mala fede billi saret f'btala pubblika, fit-08:00 ta' filgħodu, u f'lok għal kollox mhux addatat u dan bl-uniku skop li ċċaħħad kull possibilità lill-esponent milli jiġi mismugħ u jiddefendi ruħu kif xieraq kif ser jiġi ppruvat;*

2. *Illi fit-tieni lok, u mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, ir-riżoluzzjonijiet meħudha u kull vot u/jew riżoluzzjoni u/jew att ieħor sussegwenti u/jew anċillari huma lkoll nulli stante li l-kurazija tal-azzjonista Leonarda Cutajar mhux biss tikostitwixxi kunflitt ċar ta' interess billi l-kuraturi tagħha huma l-azzjonisti l-oħra Joseph Mary u Leonard aħwa Cutajar iżda din l-istess kurazija ingħatat lilhom b'qerq u abbuż kif ser jiġi ppruvat;*

3. *Illi fit-tielet lok, u mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, huwa pjuttost ċar u self-evidenti illi r-rikorrenti proprio jridu akkost ta' kollox iqaċċtu lill-esponent missierhom minn kull ħjiel ta' kontroll u direzzjoni ta' din is-soċjetà kummerċjali li ħoloq huwa stess bl-għaraq ta' ġbinu u ta' liema huwa kreditur f'ammont sostanzjali ta' flus;*

4. *Illi fir-raba' lok, u mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, huma proprju r-rikorrenti, jew min minnhom, illi qiegħdin ifixklu, imexxu ħażin, u jirrovinaw l-andament tas-soċjeta' S.C. & Company Limited;*

5. *Illi għalhekk in vista' tal-premess, u fid-dawl ta' dawn il-problemi kollha, li ilhom għaddejin is-snin u li huma ben magħrufa għall-konvenut Reġistratur tal-Kumpanijja, sewwa għamel l-istess Reġistratur li jeżerċita' d-diskrezzjoni legali tiegħu li jirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-formoli u kontijiet soċjali tas-soċjeta' S.C. & Company Limited.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti proprio et nomine et.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 t'Ottubru 2021, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex jibda bil-provi tiegħu in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

Rat in-nota tal-intervenut fil-kawża Salvatore Cutajar, intavolata fid-9 ta' Frar 2022 (fol 57) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess flimkien ma' seba' (7) dokumenti (fol 58 sa fol 139).

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 xehdet **Charmaine Bugeja in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili**, prodotta mill-intervenut fil-kawża.

Rat in-nota tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji, intavolata fil-11 ta' Marzu 2022 (fol 141), li permezz tagħha ppreżentat affidavit tal-**Avukat Claudette Fenech** (fol 142 sa fol 143).

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2022, xehdet **Charmaine Bugeja in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili** prodotta mill-intervenut fil-kawża u ppreżentat erba' dokumenti (Dok CB1 sa Dok CB4, fol 155 sa fol 163)..

Rat ukoll d-depozizzjoni ta' l-**Av. Claudette Fenech** in kontro-eżami, prodotta mir-rikorrent, u xehed minn jeddu ir-rikorrent **Michael Cutajar**.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet kollha li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intervenut fil-kawża Salvatore Cutajar u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2022, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal lum għad-decizjoni..

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti sabiex l-intimat Reġistratur jirreġistra u jippubblika:

1. Il-Formula K li turi t-tneħħija ta' Salvatore Cutajar minn direttur tal-Kumpannija u s-sostituzzjoni tiegħu b'Leornard Cutajar, kif ukoll li l-attur Michael Cutajar inħatar segretarju in sostituzzjoni ta' Marjohn Cutajar,

2. L-Annual Return għas-sena 2020,

3. Il-Kontijiet soċjali tal-Kumpanija.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi huma azzjonsti maġġoritarji tal-kumpannija S.C & Company Limited, mentri tnejn mir-rikorrenti huma wkoll diretturi tal-istess soċjeta`.

Jirrizulta illi fil-15 t'Awwisu 2020 inzammet laqgħa straordinarja tal-azzjonisti tal-Kumpanija fejn ittieħdet rizoluzzjoni mill-azzjonisti kollha preżenti li d-direttur Salvatore Cutajar kellu jitneħħa mill-kariga tiegħu, minħabba li kien mexa kontra l-interessi tal-istess kumpanija, u li minfloku inħatar direttur Leonard Cutajar. Dakinhar

ukoll ġie riżolt li Michael Cutajar kellu jissostitwixxi lil Marjohn Cutajar fl-irwol ta' segretarju.

Ir-rikorrenti jsostnu li in segwitu għal dan ġiet intavolata il-Formula K mar-Registratur intimat fl-20 t'Awwissu 2020, iżda l-intimat Reġistratur irrifjuta li jirreġistraha minħabba dizgwid fil-kumpanija. Jispjegaw li f'Settembru 2020, irċievew d-dokumenti lura minħabba nuqqasijiet fil-formoli u wara li wettqu l-korrezzjonijiet meħtieġa ippreżentaw id-dokumenti fit-22 ta' Settembru 2020, liema dokumenti baqgħu ma ġewx reġistrati mir-Registratur intimat.

Ir-rikorrenti jsostnu li fl-istess jum ġew sottomessi wkoll il-kontijiet soċjali tas-soċjeta` għas-sena 2019 u l-annual return sas-7 ta' Settembru 2020, liema dokumenti wkoll ma ġewx reġistrati. Jispjegaw li fid-9 ta' Marzu 2020, kienu ġew sottomessi wkoll il-kontijiet soċjali għas-snin 2004 sal-2018 li għadhom mhumiex reġistrati. Jgħidu li dawn ġew iffirmati mid-direttur Marjohn Cutajar waħdu skont riżoluzzjonijiet li ttieħdu dwar dan u dana stante li Salvatore Cutajar kien irrifjuta li jiffirmahom.

Jgħidu li sa dan il-mument ma kienet teżisti ebda azzjoni legali li b'xi mod tattakka ir-riżoluzzjoni meħuda fil-15 t'Awwissu 2020. Jikkontendu li la darba m'hemmx mandati kawtelatorji fil-konfront tagħhom, l-intimat Reġistratur ma setax jirrifjuta li jirreġistra d-dokumenti fuq il-pretest illi jeżistu kontroversji fi ħdan il-kumpanija u għalhekk kellhom jiġu reġistrati.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu l-intimat Reġistratur tal-Kumpanija jgħid li fir-rigward tal-prospetti annwali, dawn ġew debitament reġistrati.

Dwar il-kontijiet annwali jikkontendi li dawn għandhom jiġu ffirmati mill-maġġoranza tad-diretturi u ma jista' bl-ebda mod direttur jiddelega lill-ħaddieħor sabiex japprova l-firma tiegħu. Jispjega li għalhekk id-dokumentazzjoni sottomessa ma kienx fiha biss nuqqasijiet formali iżda anke nuqqasijiet legali u għalhekk ma setgħux jiġu reġistrati.

Fir-rigward tal-Formuli K, jgħid li l-Kap 386 jagħti diskrezzjoni lill-istess intimat li jaċċerta ruħu mill-fatti qabel ma jirreġistra u dwar dan anke mill-kontenut tar-rikors promotur innifsu jidher li hemm disgwid bejn l-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpanija u għalhekk l-intimat ma jħossx li għandu jidħol fin-nofs, apparti li d-dokumentazzjoni mhux in konformi mal-istess liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi min naħa tiegħu, l-intervenut fil-kawża Salvatore Cutajar jikkontendi li l-intimat Reġistratur huwa korrett fl-azzjoni tiegħu li jirrifjuta li jirreġistra il-formoli u l-kontijiet soċjali tas-soċjeta S.C & Company Limited.

Jikkontendi li l-laqgħa straordinarja tal-15 t'Awissu 2020 hija għal kollox nulla u saret *in mala fede* stante li hija btala pubblika.

Jgħid li kull riżoluzzjoni u vot meħuda huma nulli stante li l-kurazija tal-azzjonista Leonarda Cutajar ingħatat lill-kuraturi b'qerq u tikkostitwixxi wkoll kunflitt ċar ta' interess.

Jikkontendi li l-intenzjoni tar-rikorrenti hija li jqaċċtu lill-istess intervenut 'l barra mill-kumpanija li bena hu stess u ta' liema huwa kreditur f'ammont sostanzjali ta' flus.

Jispjega li huma propju r-rikorrenti jew min minnhom li qedgħin ifixklu, imexxu ħażin u jirrovinaw l-andament tas-soċjeta S.C & Company Limited.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi **r-rikorrenti** ppreżentaw kopja tar-riżoluzzjoni meħuda waqt laqgħa straordinarja tal-azzjonisti ta' S.C & Company Limited tal-15 t'Awwissu 2020 li permezz tagħha Salvatore Cutajar tneħħa minn Direttur tal-istess soċjeta` u minfloku nħatar Leonard Cutajar b'vot ta' ħamsa u sittin fil-mija (65%) tal-azzjonisti.

Ippreżentaw ukoll kopja tar-riżoluzzjoni meħuda waqt laqgħa straordinarja tal-azzjonisti ta' S.C & Company Limited tal-15 t'Awwissu 2020 li permezz tagħha ġew approvati ir-rapporti tad-diretturi, tal-awdituri u l-Kontijiet tal-kumpanija għas-sena li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2019. Esebew ukoll kopja tal-Formula K bit-tibdil fil-persuni involuti fil-kumpanija li ġew approvati fl-istess laqgħa. Ippreżentaw ukoll kopji tar-riżoluzzjonijiet dwar il-firma fuq il-kontijiet soċjali fejn Marjohn Cutajar ġie awtorizzat li jiffirma u/jew japprova kull rapport u kontijiet.

Illi fl-affidavit tiegħu **Salvatore Cutajar** jgħid li hu ħoloq il-kumpanija S.C & Company Limited fis-sena 1982 meta uliedu kollha ħlief għal Carmelo Maria (sive Charlie) Cutajar kienu kollha taħt l-eta`. Jgħid li dak iż-żmien martu Leonarda kienet direttur filwaqt li hu kien l-amministratur/aġent prinċipali tal-kumpanija. Jispjega li hu martu u uliedu kienu lkoll azzjonisti tal-istess kumpanija, fejn uliedu kellhom għaxra fil-mija (10%) kull wieħed u ċioe sebgħin fil-mija (70%) u hu u martu kellhom l-ishma rimanenti f'ishma ugwali bejniethom. Jgħid li l-iskop ewlieni tal-kumpanija kienet l-ispekulazzjoni tal-propjeta`.

Jispjega li tul is-snin hafna finanzi minn butu stess u anke ddejjen sabiex bena l-kumpanija li llum m'għandhiex djun u għandha diversi assi li jikkonsistu f'artijiet li dwarhom hemm il-permessi tal-bini. Jispjega li fl-14 ta' Lulju 1998, kienu ħabtu għalih uliedu Michael, Joseph Mary u Leonard fid-dar tiegħu stess. Jgħid li magħhom kien hemm ukoll ibnu Marjohn. Jispjega li kienu għamlu għalih biex jitwarrab minn amministratur tal-kumpanija. Jgħid li kien ibnu Joseph li kien qabeż għalih.

L-Intervenut fil-kawza ighid illi ftit wara kienu b'ingann ġabu l-firma ta' ħuhom Silvio (li ma kienx mentalment kapaċi) biex jiffirma prokura lil ommu (Leonarda) u permezz tal-istess prokura iffirmat riżoluzzjoni f'isimha u f'isem Silvio sabiex l-intervenut jitneħħa minn amministratur. Jispjega li l-prokura ġiet iddikjaratha nulla u bla effett permezz

tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Saviour Mary sive Silvio Cutajar vs S.C. & Company Limited datata 25 ta' Mejju 2012.

Jgħid li wara diversi argumenti u anke proċeduri fil-qrati, fosthom proċeduri ta' xoljiment, il-partijiet kienu wasslu fi ftehim u fl-2013 kien hemm modifiki fl-istatut u daħal direttur Marjohn Cutajar. Jispjega li Charlie ukoll kien wera x-xewqa li jkun direttur iżda ma kinitx ġiet aċċettata.

L-intervenut ighid li n-negozju kien baqa` għaddej u kienu waslu fi ftehim li tinbiegħ barriera u tnax-il plot oħra sabiex jiġi sodisfatt u saldat id-dejn illi kellha l-kumpanija mal-intervenut fil-kawża u martu Leonarda. Iżda dan safa fix-xejn meta r-rikorrenti rrealizzaw il-prezz li kienet ser iġġib il-barriera li kien jeċċedi is-sitt miljun Ewro (€6,000,000), dawru l-ftehim u ddeċidew li l-flus jibqgħu fil-kumpanija. Jgħid li minn hemm r-relazzjoni ta' bejniethom reġgħet marret għall-agħar.

Jispjega li llum il-laqgħat tal-kumpanija isiru f'garaxx f'nofs Ħal Kirkop bil-bieb miftuħ u flok mejda jintuża bonnet tal-karozza. Jgħid li minħabba li hu ma jafx jaqra jitlob li jieħu assitenza miegħu, liema assistenza tiġi rrifjutatha. Jgħid li l-minuti tal-istess laqgħat ikunu lesti miktubin minn qabel u jiġi sfurzat jiffirmahom. Jgħid li fil-kontijiet tal-kumpanija jiktbu li jridu huma u l-kreditu tiegħu qatt mhu rikonoxxut. Jispjega li ibnu Michael huwa impjegat tal-Bank of Valletta u għandu kontroll assolut fuq il-kontijiet tal-kumpanija.

L-intervenut annetta mal-affidavit numru ta' ittri li juru kemm -il darba ġibed l-attenzjoni tagħhom dwar nuqqasijiet, liema ittri l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-laqgħa tal-15 t'Awwissu 2020, jispjega li saret dakinhar u fil-ħin tat-tmienja ta' fil-għodu bl-intenzjoni li ma jkunx jista` jiġi assistit. Jispjega li hu pprotesta u oġġezzjona għad-data u l-ħin iżda l-laqgħa saret xorta waħda.

Jispjega li fis-sena 2017 ġiet interdetta martu Leonarda u fl-istess rikors ġew ommissi uliedu Charlie u Silvio u għalhekk ma ġewx notifikati u ma setgħux jopponu. Jispjega li assolutament mhuwiex minnu li hu b'xi mod jaħdem kontra l-interessi tal-kumpanija u fil-fatt kien hu biss li ġera wara l-awtoritajiet sabiex jieħdu kumpens xieraq għal artijiet li ġew esproprijati minn għandhom.

Illi fix-xhieda tagħha **Charmaine Bugeja Bugeja in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili** ppreżentat is-segwenti dokumenti:

1. Kopja tar-rikors numru 161/2017 bid-Digriet numru 195/2017 li jikkonsisti f'rikors ta' inabbilita` ta' Leonard Cutajar et;
2. Kopja tar-rikors numru 1334/2020 bid-Digriet numru 1659/2020 li jikkonsisti f'talba għal revoka tal-kuraturi ta' Carmel Mary Cutajar;
3. Kopja tar-rikors numru 2107/2021 bid-Digriet numru 276/2022 li jikkonsisti f'att ta' terminazzjoni tal-ħatra konġunta tal-kuraturi Joseph Mary Cutajar u Leonard Cutajar.

Mistoqsija fir-rigward tal-aħħar digriet jekk jirriżultax li d-dokumenti preżentati mill-kuraturi ġew approvati mill-Imħallef Grazio Mercieca, tgħid li ma jirriżultalhiex.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti.

Illi fl-affidavit tagħha Dr **Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** tgħid li hi taħdem bħala uffiċjal legali fl-uffiċju tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u ilha tagħmel dan għall-aħħar tlieta u għoxrin sena.

Tispjega li tnejn mill-aħwa Cutajar kif ukoll Salvatore Cutajar kienu kellmuha dwar il-formoli li kien ġew sottomossi lir-Reġistratur. Salvatore Cutajar kien qalilha li qabilx mal-kontenut tal-istess u lanqas ma kien attenda l-laqgħa li fiha ttieħdet id-deċiżjoni.

Tgħid li kien jidher ċar li fiduċja bejniethom ma kienx hemm u kien hemm diżgwid personali li kien ilu għaddej snin, u li kien anke quddiem il-Qrati. Tispjega li ġiet affaċjata b'żewġ verżjonijiet opposti u talbithom biex ma jdaħħlux lir-reġistratur fin-nofs iżda l-ewwel isolvu d-disgwid ta' bejniethom. Tgħid li fl-istess ħin ried jiġi vverifikat li dak li qiegħed jiġi sottomess kien skont il-liġi.

Tispjega li bħala prinċipju l-uffiċju tar-Reġistratur f'każijiet bħal dawn meta kumpanija jew kwistjoni illi taffetwa kumpanija partikolari tkun qiegħda quddiem il-Qorti, dejjem jistennew l-eżitu tal-proċeduri sabiex jimxu ma dak li tidderiġi l-Qorti.

Tiċċara li f'dan il-każ id-dokumentazzjoni ma setghetx tiġi reġistrata għaliex ma tħarsitx il-proċedura illi kellha tiġi segwita qabel ma ssir sottomissjoni, partikolarment bil-Formula K. Tgħid li hija tal-fehma li r-Reġistratur qatt ma kellu jitpoġġa f'dik il-posizzjoni għax kull ma prova jagħmel kien li juża l-poter mogħti lilu taħt l-artikolu 146 tal-Kap 386 u jivverifika li dak li qiegħed jiġi sottomess huwa korrett u skont il-proċedura li trid il-liġi.

Tgħid li l-kwistjoni dwar għandhiex tiġi reġistrata d-dokumentazzjoni hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti u r-Reġistratur lest joqgħod għal kull ordni.

In <u>kontro-eżami</u> tikkonferma li r-Reġistratur ma rreġistrax il-Formula K mhux minħabba nuqqas fil-formula nnifisha iżda minħabba id-dizgwid bejn il-persuni involuti fil-kumpanija. Tgħid li kienet semgħet lil wieħed mill-aħwa, Michael, jgħid kif kienet ittieħdet id-deċiżjoni fl-assenza ta' missierhom u kienet insistiet li dwar il-kwistjoni kien hemm kawża u li kellhom jirranġaw bejniethom u mhux jinvolvu lir-Reġistratur.

Mistqosija dwar jekk ir-Reġistratur ħax passi biex jivverifika il-laqgħa tal-15 t'Awwissu 2020 kinitx saret skont il-liġi, tgħid li le, iżda tgħid li la darba kienet semgħet mingħand wieħed mill-azzjonisti x'kien ġara u la darba kienet taf li seta' kien hemm kawża pendenti, ma setgħatx tiġi reġistrata l-Formula K. Anke jekk ir-Registratur minn naha tieghu ma kien ha l-ebda passi sabiex jivverfika xi dubbji li seta' kellu fir-rigward tal-laqgha tal-15 ta' Awissu.

Hija tikkonferma li l-*financial accounts* ma setgħux jiġi reġistrati għax ma kienux skont l-Kap 386 u fost oħrajn kienu hand-written u spiral bound.

Mistoqsija għal liema proċeduri quddiem il-Qorti speċifikament kienet qed tirreferi tgħid li ma tistax ssemmi kawża partikolari iżda taf li hemm dizgwid u r-Reġistratur kien anke ġie notifikat b'ittra uffiċjali li ntbagħtu bejn il-partijiet. Tgħid li meta jkunu jafu b'dizgwid,

dawn huwa l-mod li jimxu mal-kumpaniji kollha. Pero` tikkontendi ukoll illi dizgwid "*ma nihduwiex f'idejna ghax ultimament we are the registrar mhux il-Qorti jew Tribunal*".

Fix-xhieda tiegħu, **Michael Cutajar** jgħid li fil-21 ta' Mejju 2016 il-kumpanija kienet daħlet f'konvenju mas-soċjeta TUM Invest għall-bejgħ ta' barriera, liema konvenju kien għal tlett snin u jinkludi l-possibilita` li jiġġedded għall-perjodu ta' sena darbtejn konsekuttivi. Għan-nom tal-kumpanija kienu ffirmaw Salvatore Cutajar u Marjohn Cutajar. Iżda meta x-xerrej talab l-estensjoni, Salvatore Cutajar irrifjuta li jiffirma u b'konsegwenza ta' dan infetħet kawża u l-kumpanija weħlet is-somma ta' mija u sbatax -il elf Ewro (€117,000) fi spejjeż. Jispjega li Salvatore Cutajar ammetta quddiem l-avukat tagħhom li kien qiegħed jipprova jinnegozja ma TUM Invest sabiex jingħata miljun Ewro (€1,000,000) minn taħt. Jispjega li biex inaqqsu d-danni meta ma ġiex mġedded il-konvenju, għamlu laqgħa straodinarja u ftehmu li jammettu t-tort.

Mistoqsi dwar l-istat tal-kontijiet annwali tal-kumpanija, jispjega li mal-MBR hemm reġistrati l-accounts mill-1982 sal-2003 li ġew iffirmati mill-awditur Vincent Mercieca. Jispejga li dawn saru minn Marjohn meta sar hu direttur flok ommhom. Jgħid li biex sar dan, kien hemm eżerċizzju twil fejn saret rikonċiljazzjoni tas-sitwazzjoni minħabba li ma kien jeżisti xejn. Jgħid li għal dak il-perjodu kien responsabbli Salvatore Cutajar għall-accounts. Jispjega li wara ħafna theddid minn naħa ta' Salvatore Cutajar, Marjohn kellu jirriżenja mill-kariga u reġgħet saret Leonarda direttur u minn dakinhar Salvatore u Carmelo Cutajar bdew jimmanipulaw il-kotba. Jgħid li b'konsegwenza ta' dan, bdew telgħin il-multi. Jispjega li inkarigaw lill-awditur Michael Sciortino u komplew l-accounts sas-sena 2020, iżda Salvatore Cutajar dawn ma ffirmagħhomx. Jgħid li biex jippruvaw isolvu s-sitwazzjoni bdew japprovaw l-accounts bħala shareholders, iżda għad ma hemmx konferma li huma reġistrati minn naħa tal-MBR.

Jispjega li l-laqgħat tal-azzjonisti jsiru f'garaxx li qiegħed jiġi kkonvertit f'uffiċju li hu wkoll attrezzat bil-cameras. Fir-rigward tal-laqgħa tal-15 t'Awwissu 2020, huwa jgħid li ġie deċiż li Salvatore jitneħħa minn direttur minħabba snin ta' nuqqasijiet fil-kumpanija inkluż ir-rifjut li jissottometti d-dokumenti lill-MBR. Jgħid li minfloku ħatru lil Leonard Cutajar. Jispjega li saru xi ġew sottomessi xi dokumenti iffirmati minn Marjohn u Leonard iżda dawn ma ġewx reġistrati.

Jispjega li fl-20 t'Awwissu 2020 marru l-MBR personalment u ppreżentaw id-dokumenti li fuq quddiem tagħhom kien hemm il-minuti tal-laqgħa tal-15 t'Awwissu 2020 *hand-written*. Jispjega li dakinhar talbu spjegazzjoni lil Dr Fenech dwar għaliex l-accounts ta' bejn l-2004 u l-2020 ma kienux ġew reġistrati. Jgħid li din spjegatilhom li kien hemm kawża l-Qorti, li hu ma kienx jaf biha, kif ukoll li l-accounts riedu jiġu ffirmati minn Salvatore Cutajar għax inkella mhux ser jiġu reġistrati.

Jispjega li mhux minnu illi kienu jmorru  għal-laqgħat bil-minuti lesti iżda kienu jużaw l-antiki biex jibnu fuqhom ħalli jkunu eżatti. Mistoqsi dwar jekk hemm xi kawża l-Qorti jew kienx hemm mandat t'inibizzjoni sabiex il-meeting tal-15 t'Awwissu 2020 ma jsirx, jgħid li le.

In kontro-eżami jgħid li l-kuntratt ma TUM Invest ġie nnegozjat minn Salvatore Cutajar, flimkien ma Marjohn u forsi Joseph ukoll, lkoll għan-nom tal-Kumpanija. Mistoqsi dwar

għalxiex TUM Invest riedet testendi l-konvenju, jgħid li għax kellha dritt tagħmel dan, aktarx ghaliex ma kienx ghad hemm il-permessi ghall-izvilupp. Mistoqsi dwar tħallasx depożitu mal-konvenju, jgħid li iva u l-istess depożitu kien għand in-Nutar iżda ma jafx ta' kemm kien id-depożitu. Dwar il-miljun li kien qed jinnegozja Salvatore Cutajar mal-prospettiv xerrej, jghid illi dan ma kienx għall-kumpanija.

Jispjega illi mhux minnu li huma ftehmu ma TUM Invest sabiex jiftaħ il-kawża, imma ighid illi b'reazzjoni għall-kawża huma riedu jneħħu lil Salvatore Cutajar minn direttur minhabba l-hsara illi kienet saret. Mistoqsi dwar għaliex Salvatore ma riedx jiffirma l-estensjoni tal-konvenju, jgħid li għax li dan ried jinganna l-kumpanija.

Mistoqsi dwar għaliex intgħażlet il-ġurnata tal-15 t'Awwissu għal-laqgħa, huwa jgħid li dakinhar kienet faċli ghaliex ħadd minnhom ma jkun xogħol. Jispjega li hu m'għandu l-ebda diffikulta` li Salvatore Cutajar jibgħat Proxy għal-laqgħat iżda ma jaqbilx li jġib lil xi ħadd miegħu minħabba li ma jafx jaqra u jikteb.

Jgħid li hu u ħutu Michael, Marjohn u Joseph kellhom konvenju mal-kumpanija għal xi plots, li Salvatore Cutajar ma riedx jestendilhom u għalhekk għandhom kawżi pendenti dwar dan. Fir-rigward ta' Leornarda Cutajar jgħid li din ġiet inabilitata iżda xorta għadha tiġi għall-laqgħat u ħdejha jiffirmaw il-kuraturi tagħha. Jgħid li ħutu Charlie u Silvio tħallew barra minħabba li meta sseparaw hi u missieru kienu kompliċi f'ingann kontriha. Mistoqsi jekk kienux infurmati dwar l-inabilitazzjoni, jgħid li hu żgur m'infurmhomx.

Mistoqsi jekk l-accounts jirriflettux il-kreditu ta' Salvatore Cutajar, jgħid li iva.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** u t-**<u>trattazzjoni</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-**rikorrenti,** minn naħa tagħhom jissottomettu li l-kawża odjerna tikkonċerna lir-rikorrenti u lill-intimat Reġistratur. Jinsistu li l-intervenut fil-kawża ma jista` qatt jitqies bħala intimat u għalhekk kwalunkwe eċċezzjoni imqajma minnu ma tistax tiġi deċiża minn din il-Qorti jekk kemm -il darba l-intimat Reġistratur ma tax l-istess eċċezzjoni fir-risposta tiegħu.

Dwar il-mertu, jgħidu li din il-kawża saret minħabba r-rifjut tar-Reġistratur intimat li jirreġistra Form K, l-annual return tas-sena 2020 kif ukoll diversi accounts tal-kumpanija u għalhekk qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tordna r-reġistrazzjoni tagħhom. Jispjegaw li fil-każ tad-diversi accounts li qegħdin b'lura, ma kienx hemm il-possibilita` li jiffirmawhom id-diretturi stante li d-direttur Salvatore Cutajar irrifjuta u għalhekk il-maġġoranza tal-azzjonisti għajtu laqgħa straordinarja li saret skont il-liġi u approvaw kif setgħu dawn id-dokumenti, kif ukoll neħħew lil Salvatore Cutajar bħala direttur u ħatru lil Leonard Cutajar f'din l-istess kariga.

Isostnu li la darba l-MBR irrifjuta li jirreġistra l-Form K dwar il-bidla fid-direttur isegwi li mhix taċċetta d-dokumenti l-oħra għax ma tgħarafx lil Leonard Cutajar bħala direttur. B'hekk, it-talba rikorrenti hija li l-Form K tiġi aċċettata biex b'hekk id-dokumenti l-oħra

jiġu regolarizzati. Iżda subordinament għal dan ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jekk kemm -il darba din ma tistax issir, mela allura l-Qorti tordna li r-Reġistratur jaċċetta d-dokumenti kif inhuma għax m'hemmx mod ieħor f'dan l-istadju kif jistgħu jiġi ppreżentati. Isostnu li l-ordni pubbliku teħtieġ li l-accounts tal-kumpaniji għandhom jiġu reġistrati sabiex min jinnegozja ma kumpanija ikun jaf ma min qed isir l-istess negozju.

Jgħidu li fix-xhieda tagħha Dr Claudette Fenech qalet li diffikultajiet ta' korretezza fil-Form K ma kienx hemm iżda kien hemm problemi oħrajn. Isostnu li għalkemm l-intimat jgħid li l-accounts tas-sena 2020 ġew reġistrati, dan mhuwiex minnu. Isostnu li l-artikolu 400 tal-Kap 386 jordna lir-Reġistratur ir-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni u għalkemm dan għandu jara li hemm korrettezza fil-formulazzjoni kif ukoll li jara li jirrappreżenta s-sewwa. Iżda fil-każ tal-aħħar għandu l-obbligu li jindaga dwar il-fatti. Isostnu li f'dan il-każ jemerġi ċar mix-xhieda li tali indaġni ma saritx u r-regolatur ħa pass lura u stenna li s-sitwazzjoni tirrisolvi ruħha waħeda. Isostnu li dan huwa nuqqas minn naħa tar-Reġistratur li f'każ li ħass li ma setgħax jirreġistra kellu jinvestiga u jagħmel dak kollu possibli sabiex jirreġistra. Isostnu li din il-kawża kellha ssir unikament għax ir-Reġistratur ma mexiex kif kellu jimxi u ma wettaqx l-obbligi tiegħu kif tesiġi l-liġi.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-għażla tad-data tal-laqgħa tal-azzjonisti tal-15 t'Awwissu 2020 saret in *mala fede*, ifakkru li l-Qorti f'dawn il-proċeduri m'għandhiex quddiema kwistjoni dwar din il-laqgħa kinitx nulla. Isostnu li l-unika dritt li jagħti l-Kap 386 lil direttur li jkun ħa jiġi sfiduċjat f'dawn il-laqgħat huwa li wieħed jinstema` u mkien ma hemm id-dritt li wieħed jista` jġib assistenza legali. Huwa ċar li l-intervenut ingħata din l-opportunita` sabiex jinstema` u jkollu ċ-ċans jipperswadi lill-azzjonisti li m'għandhomx jitilfu l-fiduċja fih. Isostnu li mhuwiex proċess ġudizzjarju fejn wieħed jista` jagħmel difiża jew isostni li l-azzjonisti m'għandhomx dritt iffittxuh.

Minn naħa tiegħu l-**intimat** Reġistratur tal-Kumpaniji jgħid illi ġie affaċċjat b'Form K u b'żewġ verżjonijiet kompletament differenti. Isostni li hu minnu li għandu l-obbligu li jirreġistra iżda dan wara li jkun ċert mill-kontenut u l-korrettezza tal-istess. Isostni li meta affaċjat b'din is-sitwazzjoni kien jidher li hemm l-inkwiet u ħass li ma kellux jidħol fih. Fir-rigward tal-accounts jissottometti li ħadd ma jista` jghati poter lil ħadd sabiex jiffirma l-accounts, l-accounts iridu jiġu ffirmati minn min kien direttur fiż-żmien relattiv. F'dan il-każ, jgħid li la darba diġa` kien hemm dubju dwar min hu d-direttur ma kienx hemm lok li l-accounts jiġu reġistrati. Isostni li la darba ma jistax jaċċerta ruħu dwar il-korrettezza u li l-provvediment tal-att ġew mħarsa, allura m'għandux jirreġistra dokumenti.

Minn naħa tiegħu l-**intervenut fil-kawża** jgħid li hu intervejna f'dawn il-proċeduri sabiex jikkawtela u jippreserva d-drittijiet tiegħu minħabba li din id-deċiżjoni ser taffettwa lilu personalment. Jinsisti li kienet din il-Qorti stess li fehmet li d-drittijiet tiegħu jistgħu jiġu affetwati u ppreġudikati u għalhekk li tagħtu l-fakulta` li anke jippreżenta risposta.

Isostni li l-kawża titratta dwar in-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' Form K da parti tal-intimat u dana stante li uża s-setgħa diskrezzjonali tiegħu taħt l-artikolu 146 tal-Kap 386 u irrifjuta il-prospetti u d-dokumenti. Jgħid li din is-setgħa intużat ġustament minħabba l-problemi kbar u serji illi jeżistu bejn l-azzjonisti tas-soċjeta` rikorrenti. Isostni li bħala regolatur għandu l-obbligu li jagħmel dan u jħares u jiżgura li l-affarijiet tal-kumpanija jimxu skont il-liġi.

Isostni li l-Qorti għandha tħares iktar fil-profond tas-sitwazzjoni u tibda` billi tqis l-ewwelnett id-data u l-ħin magħżula għal-laqgħa straordinarja, u ċioe, il-15 ta' Awwissu 2020 fit-8 ta' filgħodu. Jgħid li għalkemm m'hemm xejn li jipprojbixxi li laqgħa ssir f'festa pubblika, dik id-data u l-ħin intagħżlu propju għax l-intervenut ma setgħax isib min jassistih. B'referenza għall-insenjament tal-Profs Andrew Muscat, jinsisti li wieħed għandu jara r-raġunijiet vera għala azzjoni tkun saret. Isostni li fil-fatt hu kien oġġezzjoni għad-data u l-ħin tal-laqgħa bil-miktub. Oltre` minn hekk, isostni li l-laqgħa u d-deċiżjonijiet meħuda huma irregolari stante li l-kurazija ta' Leonarda Cutajar ġiet ottenuta b'qerq u ingann fejn tħallew barra tnejn minn ulieda, liema kurazija qiegħda tiġi ġudizzjarament attakkata permezz ta' proċeduri separati, fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet *Charles Cutajar vs Leonard Cutajar et (Rik 316/2022 FDP)*.

Jgħid li r-rikorrenti isostnu li riedu jgħaddu r-riżoluzzjoni partikolari minħabba li l-intervenut fil-kawża huwa raġel vjolenti u jagħmel minn kollox biex ifixkel l-andament tal-kumpanija u jirreferi partikolarment għal konvenju li sar mal-kumpanija TUM Invest li minħabba r-rifjut tal-istess li jiffirma estensjoni, il-kumpanija soffriet danni. Isostni li kien hemm raġunijiet validi għal dan ir-rifjut u mhuwiex minnu li kien minħabba l-għaġir tiegħu li l-kumpanija soffriet danni.

Iżid li llum il-ġurnata hemm ukoll rikors pendenti quddiem din il-Qorti għax-xoljiment u stralċ tal-Kumpanija fl-ismijiet *Salvatore sive Salvu Cutajar et vs. S.C. & Company Limited et (Rik 33/2022 ISB).*

### Ikkunsidrat ulterjoment:

Il-Qorti ser tibda biex tagħmilha ċara li mhux ser tidħol fil-mertu u/jew tiddeċiedi materja li hi l-mertu ta' proċeduri oħra, kemm dawk li qegħdin jistemgħu minnha stess u kemm dawk li qegħdin jinstemgħu minn Qrati oħra. B'hekk ċertament li din il-Qorti mhix ser tkun qed teżamina l-validita` o meno tal-kurazija ta' Leonarda Cutajar jew il-validita' o meno tal-aqgha generali straordinarja minzmuma nhar Santa Marija tas-sena 2020. Il-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu tad-dizgwid li jeżisti bejn ir-rikorrenti u l-intervenut fil-kawża.

Il-Qorti ghamlet referenza ampja ghall-provi li tressqu mill-partijiet, uhud minnhom anke rrelevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni tat-talbiet hawnekk maghmula – imma dan sar biss sabiex tinghata stampa aktar cara tas-sitwazzjoni prekarja bejn il-partijiet, frott ta' snin twal ta' dizgwid fejn l-partijiet, inoltre` familja, ma kienux kapaci jsibu soluzzjonijiet ghall-ahjar andament tal-kumpannija. Sfond dan illi l-Qorti tifhem, tajjeb jew hazin, li seta' influwenza lir-Registratur tas-Socjetajiet fid-decizjonijiet li huwa ha fir-rigward tal-pendenza li ghandha quddiemna.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti ser tkun qed tillimita ruħha u teżamina u tiddeċiedi dwar it-talbiet rikorrenti kif dedotti, u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet li tressqu dwarhom. Senjatament, il-Qorti sejra l-ewwel tiddeciedi hawnekk jekk kellux ragun ir-Registratur intimat illi jirrifjuta illi jirregistra d-dokumenti li gew lilu sottomessi mir-rikorrenti kif hawn fuq premess u spjega, cioe`, (a) Form K, (b) l-annual return tas-sena 2020 u (c) kif ukoll diversi accounts tal-kumpanija. Huwa ghalhekk illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tordna r-reġistrazzjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-prospett annwali, hemm dikjarazzjoni cara tar-Registratur intimat illi dawn gew debitament registrati u l-Qorti ma ghandiex ghalfejn tiddubita dan.

**Ikkunsidrat Ultejorment:**

Illi l-Artikolu **146 tal-Kap 386** jgħid testwalment hekk:

> ***146****.(1) Kull kumpanija* *<u>għandha</u>* *tibgħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi tagħha, is-segretarju tagħha jew fir-rappreżentanza tal-kumpanija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien mal-isem u r-residenza jew l-isem, uffiċċju reġistrat u numru ta' reġistrazzjoni, skont il-każ, ta' kull direttur ġdid jew segretarju tal-kumpanija ġdid, fi żmien erbatax-il jum minn dik il-bidla:*
>
> *Iżda r-Reġistratur jista', qabel ma jirreġistra l-prospett, jieħu dawk il-passi u jitlob dak it-tagħrif li jkun meħtieġ biex jiżgura l-korrettezza tal-prospett u biex jistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu.*
>
> *(2) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra*

Il-Qorti tqis ghalhekk illi minn dan il-provvediment tal-ligi, jirrizulta illi:

- Kull kumpannija hija obbligata illi tibghat lir-Registratur, ghar-registrazzjoni, kwalsiasi prospett li juri tibdil fost id-diretturi, is-segretarju jew ir-rapprezentanza taghha, bid-data ta' tali tibdil, flimkien mad-dettalji msemmija u kkontemplati fl-istess provvediment tal-ligi.

- Dan il-prospett ghandu jintbghat fi zmien erbatax il-jum minn tali tibdil u f'kaz ta' nuqqas, ikun hemm penali mposti fuq l-ufficjali tal-kumpanija u penali ghal kull jum ta' ritard.

- Fuq kollox, jirrizulta ukoll illi r-Registratur ghandu <u>obbligu</u>, li l-Qorti tqis li huwa ben definit mill-ligi. L-obbligu illi jirregistra l-prospett, izda ferm importanti, ir-Registratur ghandu jizgura l-korrettezza tal-prospett u jistabilixxi illi l-provvedimenti tal-Att gew mharsa, u sabiex jaghmel dan jista' jitlob taghrif. Il-Qorti tqis illi d-dicitura tal-ligi huwa tali illi timponi fuq ir-Registratur l-obbligu illi jirregistra – izda qabel jaghmel

dan, jista' jaghmel il-verifiki illi jhoss opportun illi ghandhu jaghmel biex jizgura l-korrettezza tal-prospett fid-dawl tal-provvedimenti tal-ligi.

Il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li r-Reġistratur intimat jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-Formula K kif u meta jrid, fuq xi jkun qallu xi hadd, ghar-raguni illi jista' jkun hemm kawza pendenti, għax din tista` twassal għal konsegwenzi serji fejn kumpanija tiġi inibita propju milli topera. Il-Qorti tqis illi dak li r-Registratur ghandu dritt jaghmel hu, li qabel ir-registrazzjoni, jara illi l-prospett esebit ikun korrett u li ma hemmx nuqqasijiet fih meta meqjus dak li l-ligi timponi fir-rigward tal-istess prospett, ossia, id-dettalji necessarji illi jridu jkunu nkluzi kif irid l-istess provvediment.

Bil-kliem "*jistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu",* il-Qorti tqis illi dan ma jfissirx illi r-Registratur intimat ghandu jidhol fi kwistjonijiet illi jista' jkun hemm bejn socji, diretturi jew ufficjali ohra tal-kumpannija. Kwistjonijiet u dizgwid f'dak is-sens ma jigux determinati mir-Registratur, u di fatti, l-istess Registratur, minn dak sottomess lil din il-Qorti, dan jafu tajjeb.

Il-Profs Andrew Muscat, fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law**[5], ighjid hekk:

> *In the event of any change of directors, of company secretary or of the persons vested with its representation, the company is obliged to send to the Registrar for registration a return of such change. The return (on a form known as Form K) is to specify the name, residence and identity card or passport number of any new director, company secretary or person vested with the representation of the company. Where the new director, company secretary or person vested with the representation of the company is a body corporate, the return must specify the registered office and registration number thereof. In each case Form K is to specify the date of change and must be sent by the company within fourteen days from such date. The return can and is usually signed by the company secretary. Where the change involves the company secretary, then the return should be signed by one of the directors and not by the outgoing company secretary as at that stage the latter will no longer have the authority to act on behalf of the company. A new company secretary can however sign the return himself. The Registrar may, before registering the return, take such steps and require such information as he may deem necessary to ascertain the correctness of the return and to determine whether the provisions of the Companies Act have been complied with.*

Il-Qorti thoss illi dan il-bran tal-Professur Muscat iqaxxar fi ftit kliem dak li ghandu jsir, jikkonferma illi r-Registratur ghandu jirregistra d-dokumenti li jigu lilu sottomessi imma jelenka ukoll x'inhuma fil-principju dawk ir-rekwiziti illi d-dokument ghandu jkollu u ukoll jikkonferma illi qabel ma jirregistra dokumenti, ir-Registratur jista' jitlob informazzjoni sabiex jassikura illi l-ligi tkun giet osservata. Imma mkien ma l-Professur Muscat jghid jew mqarr jalludi ghal sitwazzjoni fejn ir-Registratur jirrifjuta illi jircievi dokumenti.

[5] Second Edition, Vol III, Pg 1682

B'dak illi gara f'dan il-kaz, cioe`, illi r-Registratur intimat kien affaccjat b'zewg verzjonijiet, dehrlu illi kien hemm l-inkwiet bejn is-socji u seta' kien hemm kawzi pendenti - u allura hass illi ma kellux jidhol fiha billi ma jirregistrax id-dokumenti, ir-Registrar intimat ghamel proprju bil-maqlub, u filwaqt illi l-Qorti hija konvinta mill-buona fede (good faith) tar-Registratur, l-azzjoni tieghu fissret illi huwa kien qieghed appuntu jidhol fil-kwistjoni bejn il-membri tas-socjeta'. Ma kienx kompitu tieghu illi jisma' z-zewg verzjonijiet u jiehu decizjoni. Ma kienx kompitu tieghu illi, ghax "*seta*" kien hemm proceduri legali, jiddeciedi hu illi ma jaccettax ir-registrazzjoni tad-dokumentazzjoni. Kien imma kompitu tieghu illi jara illi d-dokumenti sottomessi huma korretti kif trid il-ligi u jekk fl-affermattiv, jghaddi biex jirregistra l-istess.

U dak li gara in effetti jikkuntrasta anke mal-ewwel paragrafu tar-risposta tar-Registratur inniffsu meta qal "*illi in kwantu għall-meriti fattwali, speċifikament dwar il-validita' legali tal-Form K u kull dokument ieħor ippreżentat mir-rikorrenti, l-intimat jirrimetti ruħu għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' dina l-Onorabbli Qorti"*. Il-Qorti tifhem illi dik hija posizzjoni korretta, pero` ma tirrizultax riflessa fil-mod kif agixxa ir-Registratur intimat f'dan il-kaz. Ghaliex, kif inghad mill-istess Registratur fir-Risposta tieghu *l-uniku interess tiegħu f'din il-kawża, jikkonċerna dak li għandu x'jaqsam mal-operat tiegħu bħala Reġistratur kif mitlub mil-liġi, speċifikament mill-Att dwar il-Kumpaniji 1995, fejn jikkonċerna r-reġistrazzjoni ta' dokumenti illi għandhom jiġu notifikati lilu skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att.*

Issa l-Qorti tqis illi meta r-Registratur intimat irrifjuta illi jirregistra l-prospett "*mhux ghaliex kien hemm xi haga hazina per se fid-dokumenti imma billi kien jaf illi hemm id-dizgwid bejn is-shareholders*"[6], huwa kien qed johloq sitwazzjoni anomala ghall-kumpannija peress illi filwaqt illi kien hemm il-bidla fid-diretturi u ufficjali ohra, b'dana kollu id-dokumentazzjoni ufficjali mar-Rgistratur ma kinitx qed tirrifletti dan, anke jekk id-dokumentazzjoni relattiva kienet nghatat lilu b'mod korrett sabiex tigi registrata. Ritenut illi l-Qorti ma ghandiex dubbju illi r-Regitratur intimat mexa' b'buona fede, b'dana kollu, ghall-Qorti, dak li gara ifisser illi r-Registratur mar lil hinn minn dak mistenni minnu bil-ligi u dahal fil-kwistjoni meta ma kellux, peress illi id-dizgwid ma kellux jiddeterminah hu.

Il-Qorti tqis illi sakemm ma jkun hemm xejn, fil-kuntest tar-registrazzjoni tal-prospett, illi jmur kontra l-ligi u/jew sakemm, per ezempju, ma jkunx hemm ordni tal-Qorti sabiex ma jkunux registrati atti, allura fil-kuntest ta' dan li trid il-ligi, l-atti ghandhom dejjem jintlaqghu mir-Registratur.

Il-Qorti tqis illi l-funzjoni ta' Registru huwa appuntu dak illi jkunu mieghu sottomessi u registrati l-atti li jkunu maghmula fil-formula u l-forma li trid il-ligi – sta imbghad ghal minn jista' jkollu interess illi jiehu proceduri biex jimpunja tali atti jew jiehu proceduri mod iehor jekk ihoss il-htiega.

---

[6] Kontro-Ezami ta' Dr Claudette Fenech (seduta 18.03.2022) fol 164

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jistipula:

> *Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u bhekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.*

Fil-kuntest ta' dak hawnekk diskuss, il-Qorti tqis rilevanti dan il-provvediment tal-ligi. Ir-Registratur tas-Socjetajiet ghandu obbligu u funzjoni ben definita bil-ligi, dik illi jzomm ir-Registru ta' dawk is-socjetajiet illi ghandhom personalita' guridika distinta mill-membri taghha, hajjin u jkun biss f'kaz illi tali socjeta' tithassar minn fuq ir-Registru mizmum mir-Registratur illi tali socjeta' tieqaf tezisti.

Dan igib mieghu illi kwalsiasi tibdil fis-socjeta`, illi ghal finijiet ta' registrazzjoni tibqa' socjeta' b'personalita' guridika distinata mill-membri taghha, jinzamm registrat mir-Registratur sabiex il-hajja tas-socjeta' in kwistjoni, l-izvilupp taghha, it-tibdiliet taghha u dak kollu illi l-hajja taghha ggib maghha indipendentament mill-membri taghha, jibqa' registrat fil-kotba tar-Registratur tas-Socjetajiet. B'hekk, il-ligi qed tassigura illi jkun hemm registru illi fih ikun hemm l-izvilupp kollu ta' socjeta' b'personalita' distinata, mit-twelid taghha sat-thassir taghha.

Il-Qorti tqis illi fil-mument illi r-Registratur tas-Socjetajiet jidhol f'xi kwistjoni illi jkun hemm bejn il-membri ta' xi socjeta' registrata mieghu – allura ir-Registru tieghu ma jibqax iqis biss lis-socjeta` kummercjali b'personalita' distinta mill-membri taghha, imma jibda' jqis u jwiezen ukoll il-membri nfushom fil-konsegwenza illi aktarx ikun qed jmur oltre' r-rwol tieghu skond il-ligi.

Issa jirriżulta li minħabba r-rifjut tar-Reġistratur intimat li jirreġistra l-Formula K, l-istess Reġistratur qiegħed jirrifjuta wkoll li jirreġistra dokumenti oħra minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tad-direttur mibdul u sostitwit, liema nuqqas jista' iwassal biex l-istess Reġistratur intimat jimponi hu stess multi fuq is-soċjeta` rikorrenti.

Ukoll ma jirriżultax li ġie ppruvat li hemm xi difett fil-Formula K kif l-ahhar sottomessa mir-rikorrenti, anzi hemm dikjarazzjoni ċara u inekwivoka mir-rappreżentant tal-intimat Registratur tas-Socjetajiet illi l-Formula kienet formalment korretta u li l-unika raġuni għala ma ġietx reġistrata kien id-dizgwid bejn ir-rikorrenti u l-intervenut fil-kawża.

Ma jirrizultax illi kien hemm kontestazzjoni legali fis-sens ta' proceduri legali fir-rigward tal-laqgħa ġenerali straordinarja li saret fil-15 t'Awwissu 2020 fejn ittieħdet id-deċiżjoni li waslet għall-Formula K, almenu fil-mument illi r-registrazzjoni tal-istess giet rifjutata. F'dan ir-rigward l-intervenut fil-kawża għamel sottomissjonijiet estensivi iżda l-Qorti ma tarax li għandha tidħol f'dawn il-kunsiderazzjonijiet f'din il-kawza, speċjalment in vista tal-fatt li dak sottomess u ecceppit mill-intervenut fil-kawza huwa distint kompletament mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Reġistratur.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ukoll ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Buhagiar proprio et nomine vs Carmel sive Charles Psaila**, datata l-31 ta' Jannar, 1996[7], fejn irriteniet is-segwenti:

> *"... hija pacifika d-distinzjoni fir-rwol tal-intervenut fil-kawza u l-kjamat fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – artikoli 960/962. Distinzjoni li ssib il-qofol taghha fil-fatt li l-kjamat in kawza, a differenza tal-intervenut, hu ikkunsidrat bhala konvenut, u jista' jigi liberat jew ikkundannat";*

Ukoll, fid-digriet fil-miftuh moghti fl-atti tal-kawza kostituzzjonali bin-nuru 93/2018JZM fl-ismijiet **Emanuel Delia vs L-Onor. Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali** tal-14 ta' Jannar 2019, inghad hekk:

> *Intervenut ghandu posizzjoni guridika diversa minn dik ta` kjamat fil-kawza ghaliex filwaqt li l-intervenut jitqies bhala osservatur fil-kawza, il-kjamat fil-kawza jsir parti u jilbes il-vesti ta` konvenut jew intimat.*
>
> *Anke ghal dawk li huma spejjez, il-posizzjoni tal-intervenut hija distinta ghaliex filwaqt li l-partijiet (inkluz kjamat fil-kawza) huma soggetti ghall-kundanna mill-qorti tal-hlas ta` spejjez, l-intervenut ghax huwa osservatur, ibati l-ispejjez tieghu.*

Isegwi għalhekk li ma jistax jingħad li l-intervenut huwa l-ekwivalenti tal-intimat fil-kawża u konsegwentament m'għandux il-jedd li jressaq eċċezzjonijiet li jmorru oltre` minn dawk tar-Reġistratur intimat iżda l-irwol tiegħu huwa li jħares il-jeddijiet tiegħu safejn id-deċiżjoni ta' din il-Qorti taf ikollha konsegwenzi fil-konfront tiegħu.

In ogni caso, din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament tal-**Prof Andrew Muscat** li t-tibdil fid-diretturi bħala stat ta' fatt seħħ meta ġie finalizzat il-vot u mhux meta d-dokumenti jiġu reġistrati u għalhekk jekk kemm -il darba l-intervenut fil-kawża xtaq jattakka dak il-fatt għax iqis li l-vot ittieħed bi proċedura żbaljata jew *in mala fede*, dan setgħa għamlu permezz ta' proċeduri separati għax <u>dawn</u> il-proċeduri jikkonċernaw **<u>biss</u>** l-allegat nuqqas da parti tar-Reġistratur intimat milli jirreġistra dokumenti.

Fiċ-ċirkostanzi odjerni, la darba ma kienx hemm proċeduri rigward xi difett fil-mod kif ġie mneħħi direttur u appuntat ieħor u la darba l-Formula K ma kelliex difetti formulari u/jew ma jirrizultax illi ma kinitx konformi ma' dak li trid il-ligi, din il-Qorti ma tistax taqbel mad-deċiżjoni tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji li rrifjuta li jirreġistra l-Formula K.

Isegwi li la darba, fil-fehma tal-Qorti m'hemmx raġuni valida ghaliex l-Formula K ma kelliex tiġi reġistrata, mela allura kemm il-Form K u kif ukoll l-prospett annwali għas-sena 2020 bil-firma tad-diretturi kellhom jigu accettati.

Fuq kollox, ghaliex kif jistupla l-**Artikolu 401(1)(d)(i) tal-KAP 358 tal-Ligijiet ta' Malta**, huwa d-***dmir*** tar-Registratur, b'zieda ma' dmirijiet ohra, illi *jżomm u jirreġistra kull*

---

[7] Vol XXX (1996) Part 2 Taqsima 1 fol 339

*dokument li jkun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att*.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi jirriżulta mix-xhieda mressqa illi kien hemm nuqqasijiet da parti tal-kumpanija rikorrenti peress illi ma kinitx issottomettiet dokumenti, kontijiet socjali, għal snin twal (mill-2004 sal-2019), tant hu hekk li bdiet tinkorri l-multi mir-Reġistratur intimat kif mahsub bil-ligi.

Jirriżulta li r-rikorrenti għamlu l-almu tagħhom sabiex jirregolarizzaw il-pozizzjoni tal-kumpannija, iżda meta kienu sottomessi l-kontijiet socjali, dawn kienu nieqsa mill-firma ta' dak iż-żmien direttur Salvatore Cutajar li rrifjuta li jiffirmhom. Sussegwentament, meta gew ppresentati mir-rikorrenti, l-intimat Registratur irrifjuta tali registrazzjoni ghal zewg ragunijiet, (a) li dawn ghandhom jiġu ffirmati mill-maġġoranza tad-diretturi u (b) li ma jista' bl-ebda mod direttur jiddelega lill-ħaddieħor sabiex japprova l-firma tiegħu.

Jirriżulta li r-rikorrenti ppruvaw jirrimedjaw dan in-nuqqas permezz ta' rizoluzzjoni tal-azzjonisti, liema riżoluzzjoni ma ġietx aċċettata mir-Reġistratur għax riżoluzzjoni ma tista` qatt tbiddel ir-rekwiżiti legali kif stipulati mil-leġislatur stess. Il-Qorti tqis dan bhala korrett, b'danakollu, il-Qorti ma tistax tippermetti, u jidhrilha, kif ser jigi spjegat, illi dan kien il-hsieb tal-legislatur, sitwazzjoni fejn kumpanija ma tistax tirregola ruħha f'dak li hu sottomissjoni ta' kontijiet minħabba aġir abbużiv jew skorrett ta' wieħed jew aktar mid-diretturi tagħha.

Il-Qorti tibda' biex tirreferi ghall-**Artikolu 183(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, li ighid espressament hekk:

> Id-diretturi ta' kumpanija <u>għandhom</u> jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija mqiegħda quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 flimkien ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182.

Is-**sub-inciz (6) tal-istess Artikolu 183** ighid hekk:

> (6) Fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew meta l-kontijiet annwali <u>konsenjati</u> lir-Reġistratur ma jħarsux id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull uffiċjal tal-kumpanija li jonqos jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas penali oħra. Fil-proċedimenti taħt dan is-subartikolu ma tistax tinġieb prova mid-difiża li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kenux fil-fatt imħejjija kif meħtieġ b'dan l-Att.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi sabiex ma tibqax tipperdura sitwazzjoni illecita ta' socjeta' kummercjali fejn il-kontijiet socjali taghha jibqghu sena wara sena mhux pprezentati,

ir-Registratur ghandu jilqa' ghandu kontijiet anke jekk jidhirlu illi ma gewx ghal kollox mharsa d-dispozizzjonijiet tal-ligi fir-rigward, b'dan pero`, illi kull ufficjal tal-kumpannija jista' jkun soggett ghall-hlas ta' penali illi l-ligi tistipula (vide hdax il-skeda) u li r-Registratur ghandu l-jedd u l-obbligu illi jara illi jimponi u jithallsu (vide Art. 401).

Il-Qorti tqis ukoll l-**Artikolu 176 tal-Kap 386** li jipprovdi s-segwenti:

*(1) Il-kontijiet annwali ta' kumpanija għandhom ikunu approvati mill-bord tad-diretturi u l-karta tal-bilanċ għandha tkun datata u ffirmata f'isem il-bord minn żewġ diretturi tal-kumpanija.*

*(2) Kull kopja tal-karta tal-bilanċ li titqiegħed quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali, jew li tkun xort'oħra ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi l-isem tad-diretturi li ffirmaw il-karta tal-bilanċ f'isem il-bord.*

*(3) Il-kopja tal-karta tal-bilanċ tal-kumpanija li għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha tkun iffirmata f'isem il-bord mill-istess diretturi li jkunu ffirmaw il-karta tal-bilanċ skont is-subartikolu (1).*

*(4) Jekk ikunu approvati kontijiet annwali li ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att, kull direttur tal-kumpanija li jkun parti fl-approvazzjoni tagħhom u li jkun jaf li dawn ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet jew li jittraskura li jara li jkunu jaqblu mal-ħtiġiet jista' jeħel penali. Għal dan l-għan kull direttur tal-kumpanija li jkun hemm fil-ħin tal-approvazzjoni tal-kontijiet jitqies li kien parti fl-approvazzjoni tagħhom kemm-il darba ma jippruvax li jkun ħa l-passi xierqa kollha biex ma jħallix li dawn ikunu approvati.*

*(5) Jekk kopja tal-kontijiet annwali –*

*(a) titqiegħed quddiem il-kumpanija, jew xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu jew mingħajr ma jintwera kif meħtieġ isem il-firmatarju; jew*

*(b) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu,*

*kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jeħel penali.*

Il-Qorti qeghda ghalhekk tqis, illi kif stipulat fis-sub-inciz (b) tas-sub-artikolu (5) ta' dan l-Artikolu, il-ligi tistipula sitwazzjoni fejn l-kontijiet annwali jkunu kkonsenjati lir-Registratur minghajr ma tkun iffirmata kif mehtieg skond il-ligi. Il-ligi, anke hawnekk, ma tawtorizzax u/jew ma tridx illi r-Registratur jirrifjuthom, izda timponi fuq kull ufficjal tal-kumpannija ir-responsabbilita' tal-possibilita' tal-hlas ta' penali. Il-penalitajiet huma ben stabbiliti bil-ligi stess u jkun dejjem fid-dover tar-Registratur li jimponihom skond il-ligi u jigborhom.

**DECIDE**

**GĦALDAQSTANT,** wara illi qieset il-fatti kollha mressqa u s-sottomissjonijiet kollha maghmula u għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda:

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna** illi l-Formola K li turi it-tneħħija ta' Salvatore Cutajar minn direttur tal-Kumpannija de quo u s-sostituzzjoni tiegħu b'Leonard Cutajar, kif ukoll illi l-attur Michael Cutajar inħatar segretarju in sostituzzjoni ta' Marjohn Cutajar, <u>ghanda</u> tiġi reġistrata w pubblikata mill-intimat Registratur skond il-liġi, fi żmien ta' mhux aktar minn hmistax il-gurnata mill-llum.

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna** lir-Reġistratur intimat illi jaccetta u jirregistra l-Annual Return għas-sena 2020 fi żmien mhux aktar minn ħmistax il-gurnata mill-llum u, tenut kont id-dikjarazzjoni tar-Registratur intimat maghmula fir-rigward, **tordna** illi din ir-registrazzjoni tinghata effett mid-data tal-prezentata lilu ghall-istess registrazzjoni.

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna** illi l-kontijiet soċjali tal-Kumpannija jiġu reġistrati w pubblikati mill-intimat Registratur skond il-liġi fi żmien mhux aktar minn hmistax il-jum mill-llum, bir-rizerva spettanti lilu illi jara illi jigbor kwalsiasi penali li tista' tkun dovuta mid-diretturi u/jew ufficcjali ohra tal-kumpannija ghal kwalsiasi nuqqasijiet legali li jistghu jigu riskontrati u determinati minnhu.

4. **Tichad ir-raba` talba** peress illi l-Qorti jidhrilha illi r-Registratur intimat agixxa in *bona fede*.

**L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat Reġistratur, salv ghal dawk tal-intervenut fil-kawza, li ghandhom jissopportihom hu stess.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**